**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru: 1441/2023 MLF**

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1441/2023 fl-ismijiet:**

**Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali**

**vs**

**Ignatius Zammit**
**(K.I. 804257M)**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Ignatius Zammit tal-10 ta' Lulju 2023 ipprezentat fir-registru tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn espona:

   Illi r-rikorrent ghandu infurzat kontrih il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv odjern, liema mandat gie intavolat fid-19 ta' Gunju 2023, u dan in esekuzzjoni tal-varji kontravenzjonijiet decizi kontra tieghu mit-Tribunal Lokali kif premess mill-istess mandat.

   Illi preliminarjament dan il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv huwa tardiv u dan kif ser jigi spjegat hawn isfel.

Illi dawn it-titoli ezekuttivi huma kostitwiti minn sentenzi li gew decizi fil-perjodu bejn l-2002 u l-2006 u ghalhekk ai termini tal-Art. 258(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dawn it-titoli ezekuttivi li qed tittanta tenforza s-socjeta sekwestranta ghaddielhom it-terminu ta’ zmien li fih setghet issir l-ezekuzzjoni taghhom.

Illi inghad hekk dwar dan l-artikolu fil-proceduri fl-atti tal-ittra ufficjal datata it-23 ta’ Novembru 2009 u mahruga a tenur tal-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru 4215/2009 fl-ismijiet: **BNF Bank plc (C-41030) vs Simon Attard** et deciza fid-9 t’Ottubru 2018:

*“Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Charmaine Saliba, kif rapprezentata stante li assenti mill-Avukat Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli bhala Kuraturi Deputati appuntati b’digriet tas-6 ta’ Jannar 2012, datata s-27 ta’ Settembru 2012 fejn f’dan ir-rigward irriteniet:*

*“Illi l-imsemmi artikolu tal-ligi hu mahsub biex jirregola l-ezekuzzjoni ta’ titoli ezekuttivi li jkun ghadda minn fuqhom zmien minn meta setghu jkunu ezegwiti. Dan hu hekk ghaliex kull titolu ezekuttiv ghandu hajja limitata u determinata sa meta tista ssir l-ezekuzzjoni tieghu. Wara li jghaddi z-zmien preskritt, tista tithaddem il-procedura msemmija fl-artikolu 258 (tal-Kap12)…”*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent jirrileva li fl-ewwel lok lanqas biss kien jaf bihom dawn il-kontravenzjonijiet u qatt ma kien gie notifikat bl-avviz taghhom, u lanqas bl-avviz tas-smigh tal-kawzi relattivi u ghalhekk, ir-rikorrenti qieghed jirrizerva d-dritt li jikkuntesa kull kontravenzjoni, sentenza u notifika relattiva anke permezz ta’ ritrattazzjoni.

Ghalhekk il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv odjern ghandu jigi revokat gialadarba ma sarux ir-rikorsi opportuni ghar-rinviju tat-tali titoli ezekuttivi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra li jidrilha xierqa u opportuna joghgobha tirrevoka fis-shih il-mandat ta’ sekwestru

ezekuttiv Nru 1441/2023 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet tal-Malta

2. Rat ir-risposta tal-Agenzija intimata fejn esponiet:

1. illi l-Agenzija intimata qieghda tintavola r-risposta taghha entro t-terminu prefiss, minn din il-Qorti fid-digriet taghha datat 11 ta' Lulju tas-sena 2023.

2. illi in linea preliminari in-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* u *ratione materiae* ta' din il-Qorti stante li l-Qorti kompetenti li tahtha inhareg il-mandat ta' sekwestru kienet il-Qorti tal-Magistrati u per konsegwenza, dan ir-rikors gialabdarba gie intavolat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru, kellu jigi ntavolat fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati u mhux fir-registru ta' din il-Qorti.

3. illi l-Agenzija intimata kienet intavolat mandat ta' sekwestru ezekuttiv sabiex l-istess Agenzija tigbor l-ammont ta' €10,573.97, liema ammont jirraprezenta numru ta' kontravenzjonijiet li ghalkemm illum il-gurnata huma decizi, l-istess Zammit naqas milli jaghmel il-pagament relattiv,

4. illi minghar pregudizzju ghas-suespost u kuntrarjament ghal dak li qieghed jintqal fir-rikors odjern, il-mandat mertu ghal dawn il-proceduri inhareg taht l-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja, Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif qieghed erronjament jigi ndikat fir-rikors mertu ghal din ir-risposta

5. illi maghdud ma' dan, is-sub-Artikolu (5) tal-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja jipprovdi li meta l-Kummissarju tal-Gustizzja sedenti jinfliggi l-piena din ghandha titqies bhala titolu ezekuttiv ai fini tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja u emanenti minn dejn li qieghed jitqies mil-ligi, ossia Kapitolu 291, bhala civili u li huwa cert, likwidu u dovut.

6. illi meta jigi analizzat sew il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-Artikolu 253, johrog car li d-decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Gustizzja lanqas biss huma inkluzi fl-imsemmija artikolu. Dan dovut ghal fatt li d-

decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Gustizzja huma ta' indoli penali filwaqt li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jittratta decizjonijiet ta' natura civili. Talvolta dan, allura lanqas m'ghandu japplika l-artikolu 258, kif erronjament qieghed jittanta jaghmel l-intimat Zammit. B'analizi semplici tal-Artikolu 258, dan l-istess artikolu huwa bbazat fuq l-Artikolu 253

7. Illi gialadarba l-mandat ta' sekwestru sar abbazi tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja, hawnhekk ghandna kaz ta' *lex specialis* li tikkrea titolu ezekuttiv *sui generis*. Per konsegwenza m'ghandux japplika l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-Agenzija intimata talbet lil dik il-Qorti sabiex tichad it-talbiet maghmula fir-rikors promotur, filwaqt li tilqa l-eccezzjonijiet preliminari kollha u/jew in parte migjuba mill-Agenzija intimata.

3. Rat li fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tal-avukat difensur tar-rikorrent sabiex issir korrezzjoni fis-sens illi l-intestatura tar-rikors ghandha taqra fil-Qorti tal-Magistrati.

4. Sussegwentement fl-istess seduta, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irrimettiet l-atti lir-Registratur sabiex jigu mghoddija lill-Qorti tal-Magistrati.

5. L-atti ta' dan ir-rikors gew a konjizzjoni ta' din il-Qorti, kif preseduta, fl-10 t'Awwissu 2023.

6. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri, u d-dokumenti ipprezentati, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1441/2023 fl-ismijiet premessi.

7. Semghat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

7. Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent qed jissottometti li ladarba l-ordnijiet tal-Kummissarju sabiex ihallas penali inghataw fil-perjodu bejn l-2002 u l-2006, ai termini tal-Artikolu

258(b) tal-Kodici ta' Procedura Civili, dawn it-titoli ezekuttivi ghaddielhom it-terminu ta' zmien li fih setghet issir l-ezekuzzjoni taghhom, u se mai l-Agenzija intimata kellha tipprezenta rikors ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kodici sabiex tigi awtorizzata tezegwihom.

8. Min-naha l-ohra, l-Agenzija intimata qed tissottometti illi l-mandat ta' sekwestru *de quo* inhareg bis-sahha tal-Att dwar il-Kummissarju ghall-Gustizzja (Kapitolu 291), li hija *lex specialis* li tikkrea titolu ezekuttiv *sui generis*. Konsegwentement, id-disposizzjonijiet fil-Kodici ta' Procedura Civili m'humiex applikabbli fil-kaz odjern.

9. L-Artikolu 10(5) tal-Kapitolu 291 jippreskrivi hekk:

*"L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern, jew meta l-ammont tal-penali jkun dovut lil Kunsill Lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali, bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati jew mill-Kunsill Lokali, skont il-każ. L-ordni msemmija fis-subartikolu (2) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont u għal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni uProċedura Ċivili."*

10. L-ordni li jaghmel riferenza ghaliha dan l-Artikolu 10(5) huwa l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja li persuna thallas ammont ta' flus specifikat bhala penali wara li l-Kummissarju jkun iddikjara lil dik il-persuna hatja ta' infrazzjoni. Ai termini tal-Artikolu 10(5) din l-ordni tikkostitwixxi titolu ezekuttiv skond u ghal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Procedura Civili, li huwa t-titolu li jirregola l-ezekuzzjoni ta' sentenzi u titoli ezekuttivi, u l-Artikolu 281 huwa wiehed mill-artikoli f'dan it-Titolu VII.

11. Ghaldaqstant huwa it-titolu ezekuttiv – u cioe l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja ghall-hlas tal-penali – li huwa mahrug taht il-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero ai termini tal-Artikolu 10(5) tal-Kapitolu 291, l-ezekuzzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv trid issir taht id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici ta' Procedura Civili, u allura l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv in kwistjoni inhareg taht dan il-Kodici.

12. Pero kif tirrileva l-Agenzija intimata l-ordnijiet tal-Kummissarju ghall-Gustizzja m'humiex inkluzi bhala titoli ezekuttivi fl-Artikolu 253 tal-Kodici ta' Procedura Civili, u dan ghaliex dan it-titolu ezekuttiv jemani mill-Kapitolu 291 kif diga inghad.

13. Ir-rikorrent jghid li huwa applikabbli l-Artikolu 258(b) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk:

*"Wara – … …*
*(b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta'ġie esegwit; … …*
*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. … …"*

14. Il-paragrafi (a), (c) u (d) tal-Artikolu 253 jelenkaw bhala titoli ezekuttivi, s-sentenzi u decizjonijiet tal-Qrati, taxxi ta' drittijiet u spejjez mahruga mir-Registratur u decizjoni ta' arbitri registrati mac-Centru tal-Arbitragg ta' Malta. Huwa ovvju li l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja ma jaqgha taht l-ebda wahda minn dawn il-kategoriji, stante li l-Kummissarju ghall-Gustizzja m'huwiex Qorti, kif lanqas Tribunal tat-Talbiet Zghar, imma huwa gudikatur *ad hoc*.

15. Ghaldaqstant, l-Agenzija intimata ghandha ragun meta tissottometti li l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja hija titolu ezekuttiv *sui generis* u m'ghandux hajja limitata u determinata sa meta tista issir l-ezekuzzjoni tieghu, bhal fil-kaz tat-titoli ezekuttivi kontemplati fil-Kodici ta' Procedura Civili. Konsegwentement, l-ordnijiet tal-Kummissarju jistghu jigu ezegwiti f'kull zmien, ghax l-Artikolu 258 tal-Kodici mhux applikabbli ghalihom.

16. Ghaldaqstant, il-mandat ta' sekwestru *de quo* ma jistghax jigi imhassar ghar-raguni li l-ordnijiet tal-Kummissarju imorru lura ghas-sena 2002.

17. Subordinatament, ir-rikorrent jissottometti illi hu ma kienx jaf b'dawn il-kontravenzjonijiet u qatt ma kien gie notifikat bl-avviz taghhom u lanqas bl-avviz tas-smiegh tal-kawzi relattivi, u ghalhekk irrizerva d-dritt li jikkontestahom fi proceduri anke permezz ta' ritrattazzjoni.

18. Huwa ovvju li f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma tistghax tidhol fil-kwistjoni jekk ir-rikorrent kienx notifikat bl-avviz tas-smiegh ta' dawn l-infrazzjonijiet jew le, ghax inkella tkun qed tidhol fil-kwistjoni tal-validita tat-titolu ezekuttiv innifsu. Il-procedura odjerna giet intavolata taht l-Artikolu 281 tal-Kodici tal-Procedura Civili sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru *de quo*. Fid-digriet **Michael Micallef vs Lloyds Malta Ltd** deciz fit-2 t'Ottubru 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] irriteniet hekk:

*"Din il-Qorti ... ... hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ.[2] Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. Ta' min iżid jgħid ukoll li dan ir-rimedju ma jingħatax biss lil min kontra tiegħu jkun inħareġ Mandat bħal dak, iżda wkoll lil "xi persuna oħra interessata". Dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "raġuni valida skond il-liġi";*

*Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma,[3] bħal meta jinħareġ kontra persuna ħażina jew persuna b'oħra. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"*

[1] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.
[2] *Ara, per eżempju, App. Ċiv. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet* ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** *(Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) u App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***K.T.I. vs Serge*** *(Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414).*
[3] P.A. AJM 14.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Spiteri vs Anthony Perry et** (degriet interlokutorju).

19. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qed tastjeni milli tikkunsidra ulterjorment din it-tieni raguni ghalfejn ir-rikorrent qed jissottometti li l-mandat ta’ sekwestru *de quo* ghandu jigi mhassar.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi:

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni raguni moghtija mir-rikorrent ghalfejn il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1441/2023 fl-ismijiet premessi ghandu jigi mhassar.

(2) Tilqa’ l-eccezzjoni tal-Agenzija intimata;

(3) Konsegwentement tichad l-ewwel raguni moghtija mir-rikorrent ghalfejn il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1441/2023 fl-ismijiet premessi ghandu jigi mhassar.

7. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**